31974L0290

15.6.1974 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 159/61

# ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

## tat-28 ta' Mejju 1974

## li tadatta għall-progress tekniku Direttiva tal-Kunsill Nru 70/220/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja b'emissjonijiet minn vetturi b'mutur *positive-ignition*

(74/290/KEE)

Il-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Waqt li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea;

Waqt li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Waqt li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill Nru. 70/1.56/KEE [1] tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-appovazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur w l-karrijiet tagħhom, kif emendat mill-Att ta' Dħul [2] u partikolarment l-Artikli 11, 12 u 13 tagħha;

Waqt li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill Nru. 70/220/KEE [3] tal-20 ta' Marzu 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jitrattaw l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja minn gassijiet minn magni li jaħdmu *b'positive ignition* ta' vetturi kif emendata mill-Att ta' l-Adeżjoni, u partikolarment l-Artikolu 5 tagħha;

Billi l-protezzjoni tal-pubbliku kontra ż-żieda tat-tniġġis atmosferiku, partikolarment fl-ibliet, jeħtieġ li jittieħdu passi attivi sabiex jitnaqqas l-ammont ta' inkwinanti gassużi li joħorġu minn magni li jaħdmu permezz ta' *positive ignition* disinnjat sabiex iħaddmu vetturi; filwaqt li tali tnaqqis fil-livell ammissibbli ta' emissjoni huwa magħmul possibbli mill-progress li sar fil-konstruzzjoni ta' tali magni;

Billi, fil-futur, tali magni għandhom jkunu mgħammra b'karburaturi li jippermettu li l-livelli speċifikati ta' emissjonijiet ikunu osservati waqt li magni jaħdmu fis-*settings* kollha tal-kontrolli li jkunu għad-dispożizzjoni ta' minn ikun qed jużaha;

Billi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet preżenti tad-Direttiva Nru. 70/220/KEE urew li d-dispożizzjonijiet jeħtieġu emendi sabiex tiġi faċilitata l-ħidma mill-awtoritajiet kompetenti tat-testijiet preżenti;

Billi ċ-ċerti emendi huma wkoll meħtieġa sabiex jissimplifikaw l-proċedura amministrattiva għall-approvazzjoni skond it-tip ta' vettura bil-mutur għal dak li jirrigwarda emissjoni ta' inkwinanti, sabiex u partikolarment jippermettu l-estensjoni ta' approvazzjoni tat-tip sabiex jinkludi tipi ta' vetturi li, f'toqol u/jew rapporti tal-ger, ivarjaw mit-tip approvat oriġinarjament;

Billi, fl-10 ta' Ottubru 1973, il-Kummissjoni sottomettiet emenda proposta mill-Kumitat dwar l-Adattament tal-Progress Tekniku tad-Direttivi dwar it-Tneħħija tal-Barriri Tekniċi għall-Kummerċ fis-Settur tal-Vetturi bil-mutur għall-opinjoni tagħha;

[1] ĠU L 42, 23.2.1970, p. l
[2] ĠU L 73, 27.3.1972, p. 14.
[3] ĠU L 76, 6.4.1970, p. 1.

billi dik l-Opinjoni ma kinitx favorevoli u l-Kummissjoni, skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 13 (3) (b) tad-Direttiva Nru 70/156/KEE proposta għall-miżuri tal-Kunsill li ġandhom ikunu adottati

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Annessi I sa V għad-Direttiva Nru. 70/220/KEE minn hawn il-quddiem huma emendati skond l-Anness tad- Direttiva preżenti.

*Artikolu 2*

1. Mill-1 ta' Jannar 1975, l-Istati Membri ma jistgħux, fuq il-bażi ta' raġunijiet li għandhom x'jaqsmu ma' tniġġis ta' l-arja minn gassijiet li jiġu minn magna:

— jirrifjutaw li jikkonċedu approvazzjoni KEE tat-tip, jew li jirilaxxaw d-dokumenti msemmija fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva Nru. 70/156/KEE, jew sabiex tiġi konċessa approvazzjoni nazzjonali ta' tip ta' vettura bil-mutur;

— u lanqas ma jipprojbixxu d-dħul fis-servizz ta' tali vettura;

fejn il-livell ta' gass li jniġġes li joħroġ minn dan it-tip ta' vettura bil-mutur jew minn tali vetturi li jissodissfaw il-ħtiġiet tad-Direttiva Nru. 70/220/KEE, kif emendata mill-preżenti Direttiva.

2. Mill-1 ta' Ottubru 1975, Stati Membri:

— ma jistgħux jirilaxxaw aktar id-dokument provdut fit-tieni inċiżta' l-Artikolu 1.0 (1) tad-Direttiva Nru. 70/156/KEE għal dak li jirrigwarda tip ta' vettura bil-mutur li temetti inkwinanti gassużi f'livelli li ma jilħqux il-ħtiġiet tad-Direttiva Nru. 70/220/KEE, kif emendata minn din id- Direttiva għal dak li jirrigwarda l-Anness I (bl-eċċezzjoni tal-parti 3.2.1.2.2), l-Anness II, l-Anness IV parti 1.2, u l-Anness V;

— jistgħu jirrifjutaw approvazzjoni nazzjonali ta' tip ta' vettura bil-mutur li temetti inkwinanti fil-forma ta' gass f'livelli li ma jilħqux il-ħtiġiet tad-Direttiva Nru. 70/220/KEE, kif emendata minn din id-Direttiva, għal dak li jirrigwarda l-Anness I (bl-eċċezzjoni ta' parti 3.2.1.2.2), l-Anness II, l-Anness IV parti 1.2, u l-Anness V;

— jistgħu jipprojbixxu d-dħul fis-servizz ta' vetturi li jemettu inkwinanti gassużi f'livelli li ma jilħqux il-ħtiġiet tad-Direttiva Nru. 70/220/KEE, kif emendata minn din id-Direttiva, għal dak li jirrigwarda l-Anness I (bl-eċċezzjoni ta' parti 3.2.1.2.2), l-Anness 11, l-Anness IV parti 1.2, u l-Anness V.

3. Mill-1 ta' Ottubru 1976, Stati Membri:

— ma jistgħux jirilaxxaw aktar id-dokument imsemmi fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva Nru. 70/156/KEE għal dak li jirrigwarda tip ta' vettura bil-mutur li temetti inkwinanti gassużi f'livelli li ma jilħqux il-ħtiġiet tad-Direttiva Nru. 70/220/KEE, kif emendat minn din id-Direttiva, għal dak li jirrigwarda l-Anness I parti 3.2.1.2.2 u l-Anness IV parti 1.5;

— jistgħu jirrifjutaw li jikkonċedu approvazzjoni nazzjonali ta' tip ta' vettura bil-mutur li temetti inkwinantis fil-foma ta' gass f'livelli li ma jilħqux il-ħtiġijiet tad-Direttiva Nru. 70/220/KEE, kif emendat minn din id-Direttiva, għal dak li jirrigwarda l-Anness I parti 3.2.1.2.2, u l-Anness IV parti 1.5;

— jistgħu jiprojbixxu d-dħul fis-servizz ta' vetturi li jemettu inkwinanti gassużi f'livelli li ma jilħqux il-ħtiġiet tad-Direttiva Nru. 70/220/KEE, kif emendat b'din id-Direttiva, għal dak li jirrigwarda l-Anness I parti 3.2.1.2.2, u l-Anness IV parti 1.5.

*Artikolu 3*

Sal-1 ta' Ottubru 1974, Stati Membri għandhom jdaħħlu fis-seħħ il-ħtiġiet meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva u jirdu jinfurmaw lill-Kummissjoni biha minnufih.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Mejju 1974.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

H. D. GENSCHER

*ANNESS*

**Emendi għall-Annessi tad-Direttiva Nru. 70/220/KEE**

*ANNESS I:* **DEFINIZZJONIJIET, APPLIKAZZJONI GĦAL APPROVAZZJONI KEE TA' TIP U SPEĊIFIKAZZJONIJIET TAT-TEST**

Parti *3.2.1.1.4* tinqara kif ser jingħad:

"3.2.1.1.4. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' parti *3.2.1.1.5* hawn taħt, it-test ikun imwettaq tliet darbiet. F'kull test, il-massa ta' monossidu tal-karbonju u l-massa ta' l-idrokarburi miksuba għandhom ikunu inqas, għall-vettura ta' toqol ta' referenza mgħotija, minn l-ammonti murija fit-tabella hawn taħt:

| Toqol ta' referenza (RW) f' kg | Massa ta' monossidu tal-karbonju għal kull test f' g $L_1$ | Massa ta' idrokarburi għal kull f' g $L_2$ |
|---|---|---|
| RW ≤ 750 | 80 | 6.8 |
| 750 < RW ≤ *850* | 87 | 7.1 |
| *850* < RW ≤ 1 020 | 94 | 7.4 |
| 1 020 < RW ≤ 1 250 | 107 | 8.0 |
| 1 250 < RW ≤ 1 470 | 122 | 8.6 |
| 1 470 < RW ≤ 1 700 | 135 | 9.2 |
| 1 700 < RW ≤ 1 930 | 149 | 9.7 |
| 1 930 < RW ≤ 2 150 | 162 | 10.3 |
| 2 150 < RW | 176 | 10.9 |

3.2.1.1.4.1. Minkejja dan, għal kull wieħed mill- inkwinanti imsemmija f' 3.2.1.1.4, wieħed mit-tliet riżultati ottenuti jista' jeċċedi, b'mhux aktar minn 10 %, il-limitu preskritt f'dik il-parti għall-vettura konċernata, bil-kondizzjoni li l-medja aritmetika tat-tliet riżultati huwa inqas mill-limitu preskritt. Fejn il-limiti preskritti jinqabżu minn aktar minn inkwinant wieħed, ma jkunx rilevanti jekk dan iseħħ fl-istess test jew f'testijiet differenti."

Il-parti li ġejja 3.2.1.1.5 għandha tiddaħħal wara 3.2.1.1.4:

"3.2.1.1.5. In-numru ta' testijiet li jinstabu f'parti 3.2.1.1.4 jkunu mnaqqsa fil-każijiet definiti minn hawn il-quddiem, $V_1$ li huma r-riżultat ta' l-ewwel test u $V_2$ ir-riżultat tat-ieni test għal kwalunkwe mill- inkwinanti msemmija f'parti 3.2.1.1.4.

3.2.1.1.5.1. Test wieħed biss iseħħ jekk, għaż-żewġ inkwinanti kkonċernati, $V_1$ ≤0-70 *L*

3.2.1.1.5.2. Żewġ testijiet biss iseħħu jekk, għaż-żewġ inkwinanti kkonċernati, $V_1$ ≤0-85 L iżda għall-inqas wieħed mill-inkwinanti $V_{1>0-70}$ L. Minbarra dan, għal kull inkwinant kkonċernat, $V_2$ għandu jissodisfa l-ħtiġiet $V_1 + V_2 \leq$ 1-70 L u $V_2 \leq$ L.'"

Is-sentenza li ġejja għandha tiġi miżjuda ma' parti 3.2.1.2.2:

"Din il-ħtieġa għandha tkun ivverifikata fil-mod speċifikat fl-Anness IV, għall-permutazzjonijiet kollha possibbli tal-kontrolli tas-*settings* varji li huma disponibbli għal minn ikun qed jużaha."

Il-paragrafu 4 li ġej għandu jiddaħħal wara parti 3.2.1.3.3:

"4. ESTENSJONIJIET TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP KEE

4.1. **Tipi ta' vetturi ta' toqol ta' referenza differenti**

Approvazzjoni ta' tip ta' vettura tista', taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin, tkun estiża għal tipi ta' vetturi li jvarjaw minn tip approvat biss għal dak li jirrigwarda it-toqol tagħhom ta' referenza.

4.1.1. Approvazzjoni tista' tiġi estiża għal tipi ta' vetturi ta' toqol ta' referenza li jeħtieġ biss l-użu ta' inertia ekwivalenti li jmiss li hija aktar għolja jew aktar baxxa.

4.1.2. Fit-toqol ta' referenza tat-tip ta' vettura li għaliha l-estensjoni ta' l-approvazzjoni hija rikjesta teħtieġ l-użu ta' *flywheel* ta' inertia ekwivalenti aktar għolja minn dik użata għat-tip tal-vettura ġa approvata, għandha tingħata estensjoni ta' l-approvazzjoni.

4.1.3. Jekk it-toqol ta' referenza tat-tip ta' vettura li għaliha estensjoni ta' l-approvazzjoni hija rikjesta teħtieġ l-użu ta' *flywheel* ta' inertia ekwivalenti aktar baxxa minn dik użata għat-tip ta' vetturi ġia approvati, għandha tingħata estensjoni ta' l-approvazzjoni jekk il-masses ta' l- inkwinanti ottenuti mill-vetturi ġia approvati huma fil-limiti preskritti għall-vekikoli li għalihom hija rikjesta estensjoni ta' l-approvazzjoni.

4.2. **Tipi ta' vetturi b'rati tal-ger globali differenti**

Approvazzjoni konċessa għal dak li jirrigwarda tip wieħed ta' vettura tista', taħt i il-kondizzjonijiet li ġejjin, tkun estiża għal tipi ta' vetturi li jvarjaw mit-tip approvat biss għal dak li jirrigwarda ir-rapporti tat-trasmissjoni globalitagħhom:

4.2.1. Għal kull transmission ratio użat fit-test ta' Tip I, l-formola $E = \frac{V_2 - V_1}{V_1}$ tkun użata fejn $V_1$ u $V_2$ huma, rispettivament, l-veloċità b'1000 rpm tal-magna tat-tip ta' vettura approvata u tat-tip ta' vettura li għaliha tintalab estensjoni ta' l-approvazzjoni

4.2.2. jekk għal kull rapport tal-ger $E \leq 5$ %, estensjoni tkun konċessa mingħhajr ir-repetizzjoni tat-testijiet ta' Tip I.

4.2.3. Jekk għall-inqas għal rapport tal-ger wieħed E>5 %, u jekk għal kull rapport tal-ger E≤ 10 %, it-testijiet Tip I ikunu ripetuti iżda jistgħu isiru f'laboratorju magħżul mill-produttur, soġġett għall-ftehim ta' l-awtoritajiet kompetenti li jikkonċedu approvazzjoni tat-tip. Ir-rapport dwar it-testijiet ikun mibgħut lil-laboratorju approvat.

4.3. **Tipi ta' vetturi ta' toqol ta' referenza differenti w rapporti tat-trasmissjoni globali differenti**

Approvazzjoni konċessa għal dak li jirrigwarda tip wieħed ta' vettura tista tiġi estiża għal tipi ta' vetturi li jvarjaw mit-tip approvat biss għal dak li jirrigwarda t-toqol tagħhom ta' referenza r-rapport tat-trasmissjoni globali tagħhom, fejn il-kondizzjonijiet kollha tagħhom li jinstabu fil-partijiet 4.1 u 4.2 hawn fuq huma sodisfatti.

4.4. **Nota**

Meta tip ta' vettura ġie approvat taħt id-dispożizzjonijiet ta' partijiet 4.1 sa 4.3 hawn fuq, tali approvazzjoni tat-tip ma' tistax jiġi estiża għal tipi oħra ta' vetturi."

Is-segwenti parti 5 tkun sostitwita b'parti 3.2.2:

"5. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

5.1. Bħala regola ġenerali, konformità ta' mudelli ta' produzzjoni, għal dak li jirrigwarda l-limitazzjonijiet ta' l-emissjoni ta' inkwinanti gassużi mill-magna, jkunu verifikati fuq il-bażi tad-deskrizzjoni fil-komunikazzjoni provduta fl-Anness VII u, fejn huwa neċessarju, tat-testijiet kollha jew x'uħud mit-testijiet tat-Tip I, II u III deskritti f'parti 3.2.

5.1.1. Konformità tal-vettura f' test tat-Tip I ikun verifikat kif ser jingħad

5.1.1.1. Vettura għandha tjittieħed mis-serje u ttiqieġħed għat-test deskritt fil-parti 3.2.1.1. Iżda, il-limiti murija f'parti 3.2.1.1.4 ikunu sostitwiti b'li ġej:

| Toqol ta' referenza (RW) f' kg | Massa ta' monossidu tal-karbonju għal kull test f' g $L_1$ | Massa ta' idrokarburi għal kull test f'g $L_2$ |
|---|---|---|
| RW ≤ 750 | 96 | 8.8 |
| 750 < RW ≤ 850 | 105 | 9.3 |
| 850 < RW ≤ 1 020 | 112 | 9.6 |
| 1 020 <RW ≤ 1 250 | 129 | 10.4 |
| 1 250 < RW ≤ 1 470 | 146 | 11.1 |
| 1 470 < RW ≤ 1 700 | 162 | 11.9 |
| 1 700 < RW ≤ 930 | 178 | 12.6 |
| 1 930 < RW ≤ 2 150 | 195 | 13.3 |
| 2 150 < RW | 211 | 14.1 |

5.1.1.2. Jekk il-vettura magħżula ma tilħaqx il-ħtiġiet tal-parti 5.1.1.1, il-produttur jista' jsaqsi għall-qisien sabiex isir fuq kampjun ta' vetturi meħuda minn serje, inklużi l-vetturi ttestjati oriġinarjament. Il-produttur irid jistabbilixxi d-daqs tal-kampjun. Vetturi minbarra l-vetturi magħżula oriġinarjament ikunu soġġettit għal test singolu Tip I.

Ir-riżultat li għandu jiġi kunsidrat għall-vettura ttestjat oriġinarjament ikun il-medja aritmetika tar-riżultati tat-tliet testijiet Tip I imwettqa fuq dak il-vettura. Il-medja aritmetika $\bar{x}$ tar-riżultati ottenuti bil-kampjun u l-is*tandard* ta' devjazzjoni S [1] tal-kampjun imbagħad ikun determinat għal kull inkwinant gassuż.

[1] $S^2 = \sum \frac{(x - \bar{x})^2}{n - 1}$, fejn x hija waħda mir-riżultati individwali miksuba mill-kampjun n.

Il-produzzjoni tas-serje mbagħad tkun meqjusa li tikkonforma jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin jintlaħqu:

$$\bar{x} + k \cdot S \leq L,$$

fejn

L = il-valur ta' limitu preskritt f'parti 5.1.1.1 għal kull inkwinant gassuż ikkunsidrat; u

k = fattur statistiku dipendenti fuq n u mogħti fit tabella li ġejja:

| n | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| k | 0,973 | 0,613 | 0,489 | 0,421 | 0,376 | 0,342 | 0,317 | 0,296 | 0,279 |
| n | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 |
| k | 0,265 | 0,253 | 0,242 | 0,233 | 0,224 | 0,216 | 0,210 | 0,203 | 0,198 |

jekk n ≥ 20, $k = \frac{0,860}{\sqrt{n}}$

5.1.2. F' test ta' Tip II jew Tip III imwettaq fuq vettura meħuda mis-serje, il-kondizzjonijiet li jinstabu f' partijiet 3.2.1.2.2 u 3.2.1.3.2 għandhom jiġu sodisfatti.

5.1.3. Minkejja l-ħtiġiet ta' parti 2.1.1 ta' l-Anness III, id-dipartiment tekniku responsabbli għall-verifika tal-konformità ta' produzzjoni jista', bil-kunsens tal-produttur, jagħmel testijiet ta' Tipi I, II u III fuq vetturi li ġew misjuqa inqas minn 3 000 km."

*ANNESS II*: **KARATTERISTIĊI ESSENZJALI TAL-MAGNA U INFORMAZZJONI DWAR IT-TWETTIEQ TA' TESTIJIET**

Parti 1.4 għandha tinqara:

"1.4. Numru u arranġamenti ta' ċilindri:....."

It-test fuq in-naħa tal-lemin tal-paġna (partijiet 3.2.1.3.1 sa 3.2.1.3.5) jinqraw kif ser jingħad:

"Kurva tal-kunsinna tal-karburant impinġija kontra l-influss ta' l-arja, u *settings* meħtieġa sabiex imantnu l-kurva(').."

*ANNESS III*: **TEST TA' TIP I**

Parti 4.1.4 għandha tinqara kif ġej:

"4.1.4. Għandha ssir verifika biex jiġi verifikat li s-*setting* tal-*brake* ottenut huwa xieraq għal stati oħra intermedji bejn *idling* u l-veloċità massima fiċ-ċiklu, jekk huwa meħtieġ għandu jkun adottat *setting* medju."

Parti 5.3 għandha tinqara kif ġej:

"5.3. **L-użu taċ-*choke***

5.3.1. *Choke* Manwali

Iċ-*Choke* jrid jinqata' mill-aktar fiss possibbli, u fil-prinċipju qabel l-aċċelerazzjoni minn 0 sa 50 km/h ta' l-ewwel ċiklu. Jekk din il-ħtieġa ma tistax tintlaħaq, il-mument ta' qtugħ effettiv għandu jkun indikat. Il-metodu wżat sabiex jaġġusta ċ-*choke* jkun dak indikat mill-produttur.

5.3.2. *Choke* Awtomatiku

jekk il-vettura hija mgħammra *b'Choke* awtomatiku, huwa jrid jiġi misjuq kif indikat mill-produttur għal dak li jirrigwarda s-*setting* u l-*kick-down* wara il-*cold start*. Jekk il-punt tal-*kick-down* mhux indikat, irid iseħħ *13*- il sekonda wara li l-magna tibda taħdem."

Parti 6.2.1: għandu jiżdied li ġej:

"Jekk id-disinn tad-dħul tal-borża ma jiżgurax taħlit komplet tal-gassijiet li joħorġu waqt it-test, dawn il-gassijiet għandhom jitħaltu qabel l-analiżi per eżempju permezz ta' pompa li tiċ-ċirkola mill-ġdid."

Parti 7.1: l-aħħar definizzjoni għandha tinqara ki ġej

"PH: hija pressjoni parzjali tal-fwar ta' l-ilma espress f'millimetri tal-merkurju."

*ANNESS IV*: **TEST TIP II**

Parti *1.2g* ħandha tinqara ki ġej:

"1.2. It-test tat-Tip II għandu jsir minufih wara r-raba' ċiklu operattiv tat-test tat-Tip I, bil-magna *b'idling* speed u mingħajr l-użu taċ-*Choke*, li jibda minn temperatura kiesħa. Immedjatament qabel kull qies sussegwenti tal-kontenut ta' monossidu tal-karbonju, ċiklu operattiv tat-test tat-Tip I irid jitwettaq kif deskritt f'parti 1.1 ta' l-Anness III."

Għandha tiżdied il-parti *1.5*

"1.5. **Isettjar tal-kontroll għall-*idling***.

1.5.1. Definizzjoni

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, 'isettjar tal-kontrolli' tfisser dawk il-partijiet li jistgħu jiġu wżati sabiex jalteraw l-*idling speed* tal-magna u jistgħu jiġu aġġustati faċilment minn operatur bl-użu biss ta' l-għodda deskritta taħt parti *1.5.1.1* hawn taħt. Partikolarment, apparti l-ikkalibrar tal-karburant u rati ta' l-infuss ta' l-ajru ma jkunx meqjus bħala 'isettjar tal-kontrolli' jekk l-aġġustament tagħhom jeħtieġ it-tneħħija ta' *set-stops* li normalment jipprojbixxu l-aġġustament tagħhom minn kull persuna li mhux mekkanik kwalifikat.

1.5.1.1. Għodod li jistgħu jiġu wżati sabiex jaġġustaw l-*idle setting controls*: tornavit (normali jew ta' l-istilla), *spanners* (ċirku, bit-tarf miftuħ jew li jistgħu jiġu aġġustati), tnalji, *Allen keys*.

1.5.2. Determinazzjoni tal-punti tal-qies

1.5.2.1. L-ewwel qies għandu jittieħed fis-settings tal-vettura wżata għat-test tat-Tip I.

1.5.2.2. Numru suffiċjenti ta' posizzjonijiet karatteristiċi jkunu determinati għal kull *setting* ta' kontroll kontinwament varjabbli.

1.5.2.3. Il-qies tal-kontenut tal-monossidu tal-karbonju tal-gassijiet ta' l-*exhaust* irid jittieħed fil-posizzjonijiet kollha possibbli tal-kontrolli ta' l-isettjar, iżda bil-kontrolli kontinwament varjabbli biss għall-posizzjonijiet msemmija taħt l-parti 1.5.2.2.

1.5.2.4. It-test tat-tip 11 ikun meqjus sodisfaċenti jekk waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin hija osservat:

1.5.2.4.1. L-ebda valur kkalkulat skond il-ħtiġiet tal-parti 1.5.2.3 ma jeċċedi l-valur ta' limitu:

1.5.2.4.2. Il-kontenut massimu ottenut jekk wieħed mill-isettjar tal-kontrolli huwa varjat kontinwament waqt li s-*setting* ta' kontrolli oħra jibqa' kostanti ma jeċċediex il-valur ta' limitu, din il-kondizzjoni li għandha tkun sodisfatta għal dak li jirrigwarda l-kombinazzjonijiet varji tal-konfigurazzjonijiet tal-kontroll ta' l-isettjar li ma jkunx il-kontroll mibdul kontinuwament.

15.2.5. Il-posizzjonijiet possibbli ta' l-isettjar tal-kontrolli jkun limitat,

1.5.2.5.1. minn dak il-wieħed mis-segwenti li jkun l-akbar: l-aktar *crankshaft speed* baxx li l-magna tista' twettaq f'*idling* speed; il-*crankshaft idling speed* rakkomandat mill-produttur, nieqes 100 rpm;

1.5.2.5.2. minn dak il-wieħed mis-segwenti li jkun l-anqas: l-aktar *crankshaft speed* għoli li l-magna tista' twettaq permezz ta' l-*idle setting controls*; il-*crankshaft idling speed* rakkomandat mill-produttur b'żieda ta' 2.50 rpm; il-*crankshaft speed* li bih jopera il-klaċċ awtomatiku.

1.5.2.6. Minbarra dan, il-posizzjonijiet ta' isettjar li huma inkompatibbli mal-funzjonament korrett tal-magna m'għandhomx jittieħdu bħala punti ta' miżura, partikolarment meta' magna hija mgħammra b'numru ta' karburaturi, il-karburaturi kollha għandhom jiġu aġġustati għall-istess "*setting*."

*ANNESS V*: **TEST TAT-TIP III**

Il-punt segwenti 5 għandhom jiżdiedu wara parti 4.7.7.:

"5. METODI ALTERNATTIVI TA' TTESTJAR

5.1. Il-vettura għandha tkun kunsidrat sodisfaċenti jekk, taħt kull waħda mill-kondizzjonijiet ta' qies speċifikat fil-parti 2.2, huwa muri biċ-ċar li s-sistema ta' reċiklaġġ jew tal-ventilazzjoni hija kapaċi li tirriċikla l-gassijiet kollha tal-*crankcase* li jistgħu jiġu emessi fl-atmospfera

5.2. Il-ħtiġiet tal-partijiet 2 u 4.7 japplikaw għal dan il-metodu.

5.3. **Metodi ta' Ittestjar**

5.3.1. *Metodi Ġenerali*

5.3.1.1. L-aperturi tal-magna jitħallew fil-kondizzjoni oriġinali fuq il-magna.

5.3.1.2. Il-qies tal-pressjoni ġewwa l-*crankcase* ssir fl-apertura tas-*dip stick*. Il-pressjoni tkun ikallkolata b'manometru inklinat:

5.3.1.3. Il-vettura għandha tkun kunsidrata sodisfaċenti, jekk għal kull wieħed mill-kondizzjonijiet ta' qies speċifikat fil-parti 2.2, il-pressjoni kkalkulata fil-*crankcase* ma teċċediex il-pressjoni atmosferika fiż-żmien tal-qies.

5.3.1.4. jekk, għal kull kondizzjoni tal-qies speċifikat fil-parti 2.2, il-pressjoni kkalkulata fil-*crankcase* taqbeż il-pressjoni atmosferika, it-test addizzjonali speċifikat fil-parti 5.3.2ssir meta' rikjest mill-produttur.

5.3.1.5. Għal testijiet skond il-metodu deskritt, il-pressjoni tal-*crankcase* tkun ikkalkulata sa ± 1 milimetru ta' *l-ilma*

5.3.2. *Metodu addizzjonali ta' l-ittestjar*

5.3.2.1. L-aperturi tal-magna jitħallew fil-kondizzjoni oriġinali fuq il-magna.

5.3.2.2. Borża flessibbli li ma' thallix li jgħaddu gassijiet tal-*crankcase* u b'kapaċità ta' ċirka 5 litri tkun mqabbda ma' l-apertura tad-*dip stick*. Din il-borża tkun vojta qabel kull qies.

5.3.2.3. Il-borża tiġi mwaqqfa qabel kull qies. Hija għandha tinfetaħ għall-*crankcase* għall-ħames minuti għal kull kondizzjoni tal-qies speċifikata fil-parti 2.2.

5.3.2.4. Il-vettura għandha tkun kunsidrat sodisfaċenti jekk ma jseħħ l-ebda tinfiħ viżibbli tal-borża taħt kull kondizzjoni speċifikata fil-parti 2.2

5.3.3. *Nota*

5.3.3.1. Jekk id-disinn tal-magni huwa tali li t-test ma jistaax isir skond il-metodi speċifikati fil-partijiet 5.3.1 u 5.3.2, il-qies jitwettaq skond il-metodu speċifikat fil-parti 5.3.2 bil-modifiki li ġejjin:

5.3.3.2. qabel it-test, l-aperturi kollha minbarra dak meħtieġ għall-kollezzjoni tal-gassijiet għandhom jitwaqqfu.

5.3.3.3. Il-borża għandha tkun mqabbda ma' *take-off* xieraq li ma jintroduċix xi telf addizzjonali ta' pressjoni w li jinstab fuq iċ-ċirkuwitu ta' reċiklaġġ tat-tagħmir direttament fl-apertura ta' konessjoni tal-magna."